MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Numru. 147/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Deborah Farrugia**

**(ID 346284(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Deborah Farrugia, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 346284(M);

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' April 2011 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni

jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni l-istess droga u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni l-istess droga u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Xjentement issoprimiet jew b'xi mod iehor qerdet jew biddlet it-tracci jew l-indizzji ta' reat ai termini tal-Artikolu 111(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` kontra PS 1220 C. Baldacchino, PC 777 C. Ebejer u WPC 237 A. Vella, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Ingurjat jew heddet jew ghamlet offiza fuq il-persuni ta' PS 1220 C. Baldacchino, PC 777 C. Ebejer u WPC 237 A. Vella, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Naqset li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilha minn PS 1220 C. Baldacchino, PC 777 C. Ebejer u WPC 237 A. Vella, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma halliethomx jew fixklithom waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Kisret volontarjament il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputata Deborah Farrugia:

i. Talli kisret il-kundizzjoni ta' sentenza datata 6 ta' Marzu 2009 moghtija mill-Magistrat L. Quintano fejn giet liberata ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu ta' ghoxrin xahar, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

ii. Talli hija recidiva b'sentenza datata 28 ta' Frar 2007 moghtija mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. fejn giet ikkundannata 27 xahar prigunerija effettiva u multa ta' elf liri Maltin, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

iii. Barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputata Deborah Farrugia thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9, sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami taghha ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9[1], l-imputata wiegbet illi m'hijiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha;

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Illi nhar l-1 ta' April 2011, wara li nhareg mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputata, saret tfittxija minn Ufficjali tal-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga fir-residenza ta' omm Yanica Abdilla, fejn kienet tirrisjedi wkoll l-imputata u mill-kamra tas-sodda fejn kienu qeghdin l-istess Abdilla u l-imputata gew elevati *inter alia* boroz b'sustanzi ta' trab abjad u kannella, *foil*, mizien elettroniku, xi boroz tal-*plastic* godda u flixkun tal-ilma maghmul pipa.[2] Huma ttiehdu gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghall-investigazzjoni ulterjuri.

L-imputata rrilaxxjat stqarrija nhar it-2 ta' April 2011.[3]

[1] A fol. 73 tal-process.
[2] Ara x-xhieda ta' PS 1220 Chris Baldacchino (a fol. 78 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' WPS 237 Antonella Vella (a fol. 84 *et seq* tal-process).
[3] A fol. 57 *et seq* tal-process.

<u>L-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet – traffikar ta' droga kokaina u eroina u pussess ta' droga kokaina u eroina</u>

Jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**[4], illi huwa kkonkluda hekk dwar id-dokumenti li gew mghoddija lilu ghall-analizi u li nstabu fil-kamra tas-sodda fejn kienu jinsabu Yanica Abdilla u l-imputata:

(a) Fuq *swabs* mehuda minn fuq il-mizien, instabet is-sustanza kokaina;

(b) Fuq *swabs* mehuda minn fuq l-*aluminium foil* instabet is-sustanza eroina;

(c) Fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella nstabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 1.16 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 25%;

(d) Fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad instabet is-sustanza kokaina. Il-piz tat-trab kien ta' 1.06 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 30%.

Fl-istqarrija taghha, rilaxxjata minnha fit-2 ta' April 2011, wara li nghatat it-twissija li ma kinitx obbligata li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li taghmel dan, imma dak li tghid jista' jingieb bhala prova u wara li rrifjutat li tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha, **l-imputata** qalet li hija regghet bdiet tiehu d-droga eroina fl-ahhar xahrejn u li l-ahhar darba li kienet hadet l-eroina kien fil-jum ta' qabel, qabel marru l-pulizija. Qalet ukoll li f'dik il-gimgha bdiet anke tiehu sa hames grammi eroina fi tlett ijiem, bejna u bejn Yanika. L-imputata qalet li kienet tiehu l-kokaina wkoll u li hadet l-ahhar fil-jum ta' qabel, meta marru l-pulizija. Qalet ukoll illi hadet id-droga xi saghtejn qabel waslu l-pulizija, illi kienet ghamlet lejl tiehu l-kokaina u x'hin sebah bdiet fuq l-eroina. Hija kkonfermat li l-*foil* li nstab fil-kamra ta' Yanika kien qed jintuza minnhom sabiex jaharqu l-eroina u l-kokaina. L-imputata qalet illi kienet hi li gabet l-eroina u dan ghall-uzu personali taghha u ta' Yanika, kienet xtrat xi erba' grammi u hallset €300. Il-flus ghall-eroina kienu harguhom hi u Yanika bejniethom ghaliex kienu jiehdu d-droga bejniethom. Fir-rigward tal-kokaina li nstabet fl-istess kamra, l-imputata qalet illi din kienet ilha xi jumejn ghandha u li kienet issajjar minnha ghaliha u ghal Yanika u li din kienet xtratha bi flusha u

[4] Dok. GS1, a fol. 123 tal-process.

bi flus Yanika, sabiex jiehdu t-tnejn minnha. Qalet illi l-mizien kienet tuzah sabiex taccerta ruhha li hadd ma jaghtiha inqas droga minn dik li tkun hallset ghaliha u li l-boroz juzawhom biex jikkalkulaw kemm ikunu qed jiehdu droga u dan ghaliex meta wiehed isajjar id-droga, irid jizinha. Qalet illi dejjem kienet hi li tixtri d-droga eroina u kokaina li kienu jikkunsmaw hi u Yanika u cahdet illi kienet tuza l-mizien u l-boroz tal-*plastic* li nstabu sabiex taghmel taghmel il-qratas u tbieghhom lil terzi.

Fix-xhieda taghha[5], **Yanica Abdilla** xehdet illi fiz-zmien li gew arrestati hi u l-imputata, l-istess imputata kienet tghix maghha gewwa r-residenza ta' ommha u li fil-lejl ta' qabel, hi u l-imputata kienu ghamlu lejl shih jabbuzaw mill-kokaina u fl-ahhar mill-eroina waqt li kienu fil-kamra tas-sodda tal-istess xhud. Fir-rigward tad-droga qalet illi kien hemm drabi fejn xtrat hi u drabi fejn xtrat l-imputata, izda dejjem ghall-uzu tat-tnejn li huma. Qalet ukoll illi kienu jiehdu d-droga flimkien.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-imputata m'hijiex qeghda tikkontesta l-pussess tad-drogi eroina u kokaina, liema pussess jirrizulta sufficjentement ippruvat kemm mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija li wettqu t-tfittxija, kif ukoll mill-istqarrija tal-istess imputata, mix-xhieda ta' Yanica Abdilla u mir-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet gew ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

Illi fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet ossia dawk ta' traffikar ta' droga kokaina u eroina, id-difiza tissottometti illi dan huwa kaz ta' traffikar *by sharing* u li ghalhekk ghandu japplika l-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

[5] A fol. 145 *et seq* tal-process.

Fis-sentenza taghha tal-5 ta' Mejju 2008, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Galea**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi ta' dak komunement maghruf bhala *trafficking by sharing* ikkontemplat fl-ewwel proviso ghas-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Is-subartikolu (9) in dizamina jipprovdi li ghar-reat, fost ohrajn, ta' bejgh jew traffikar ta' droga bi ksur tad- disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza ma jkunux applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 21 (inzul taht il-minimu) u 28A (sentenza ta' prigunerija sospiza) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll lanqas ma jkunu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation. Ir-rizultat ta' din il-projbizzjoni hi li fil-kaz ta' tali bejgh jew traffikar trid dejjem tigi applikata l-piena ta' prigunerija u ta' multa ghall-anqas fil-minimu taghhom – f'dan il-kaz, trattandosi ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-minimu huwa ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' Euro 465.87.  L-ewwel proviso ghal dan is-subartikolu gie introdott, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, bl-Att XVI ta' l-2006, u jipprovdi hekk:*

***"Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu…"*** *(sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x- xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-*

*kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."*

Issa, fil-kaz in dizamina, ghalkemm l-imputata u Abdilla kienu jabbuzaw mid-droga eroina u kokaina flimkien u fl-istess post, madankollu huwa nieqes wiehed mill-elementi ta' *sharing* kif spjegat fil-bran citat. Jirrizulta illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputata (u skond Abdilla, anke hi f'xi okkazzjonijiet, ghalkemm fl-istqarrija taghha l-imputata tghid li dejjem hi kienet tixtri d-droga) xtrat l-eroina u l-kokaina mhux biss ghaliha, izda wkoll ghal Abdilla u li Abdilla hallset lill-imputata ghal sehmha mill-istess droga. Fi kliem iehor, l-imputata pprovdiet id-droga eroina u kokaina lil Abdilla wkoll u dan versu l-korrispettiv ta' hlas, ghalkemm kienu jikkonsmaw din id-droga flimkien u fl-istess post. Ma kienx ghalhekk il-kaz li l-imputata kienet qed taqsam id-droga li kellha ghaliha jew li kienet intiza ghaliha ma' Abdilla, ghaliex *a priori* hija kienet tixtri d-droga kokaina u eroina kemm ghaliha, kif ukoll ghal Abdilla. L-imputata ma kinitx tixtri d-droga ghaliha biss, izda appozitament ghal Abdilla wkoll, li kienet thallasha ghal dak li kienet tixtrilha.

Ghaldaqstant, fil-waqt illi tqis illi l-Prosekuzzjoni ppruvat sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata, il-Qorti hija tal-fehma illi dan m'huwiex kaz ta' traffikar *by sharing* u konsegwentement m'huwiex applikabbli l-*proviso* ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan apparti illi skond l-istess *proviso* u sabiex il-Qorti tapplika l-istess, hija ghandha tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicini in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta u anke l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel. Jirrizulta f'dan il-kaz illi hawnhekk si tratta kemm ta' droga eroina, kif ukoll ta' droga kokaina u illi ghalkemm l-ammonti li kienet tixtri l-imputata ma kinux xi ammonti straordinarji, biss lanqas jista' jinghad li kienu xi ammonti negligibbli. Fil-fatt fir-rigward tal-eroina li giet elevata mill-kamra tas-sodda, l-imputata tghid illi kienet xtrat xi erba' grammi u hallset €300 taghha. Imbaghad hemm ukoll il-fedina penali pjuttost refrattarja tal-imputata u l-fatt illi din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputata giet arrestata in konnessjoni ma' reati li jinvolvu d-droga – anzi mill-fedina penali taghha, jirrizulta illi fit-28 ta' Frar 2007, l-imputata nstabet hatja *inter alia* ta' traffikar ta' droga eroina, pussess tad-droga eroina, kokaina u *cannabis* u tal-aggravju tad-distanza u giet ikkundannata ghal 27 xahar prigunerija u li fi tlett okkazzjonijiet ohrajn instabet hatja ta' pussess semplici ta' droga. Ghaldaqstant, apparti l-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula dwar kif din il-Qorti ma tqisx li dan huwa kaz ta' traffikar *by* sharing ai termini tal-*proviso* imsemmi, *in ogni caso* fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti tqis ukoll illi qajla tista' tapplika l-istess *proviso* fir-rigward taghha.

<u>Il-hames imputazzjoni – xjentement issoprimiet jew qerdet jew biddlet it-tracci jew l-indizzji ta' reat – l-Artikolu 111(2) tal-Kap. 9</u>

Jirrizulta car f'dan il-kaz, mix-xhieda ta' **PS 1220 Chris Baldacchino**[6] illi hekk kif l-imputat kienet immanettjata u WPC 237 Antonella Vella qalet lill-istess xhud li fuq is-sodda kien hemm xi trab kannella, hija marret u xxuttjat is-saqqu bil-konsegwenza li tajjret dan it-trab. **PC 777 Chris Ebejer**[7] ukoll xehed illi f'hin minnhom l-imputata ixxuttjat is-saqqu biex twaqqa' t-trab. Dan gie kkonfermat ukoll mill-istess imputata li, fl-istqarrija taghha qalet illi *"li gara kien li fis-sahna tad-demm mac-cid kien hemm xi trab tal-heroin fuq il-lizar w*

[6] A fol. 80 tal-process.
[7] A fol. 105 tal-process.

*x'hin wahda mic-cid qalet lill ohrajn li hemm naqra fuq il-lizar jien qbadt w nehhejtu b'sieqi ghax dak ma jingabarx."*[8]

Jirrizulta ghalhekk illi wara li l-imputata u Abdilla inqabdu *in flagrante delicto* fil-pussess tad-droga eroina u kokaina, hija nehhiet jew tajjret b'saqajha parti mis-sustanza li nstabet fuq is-sodda u li dan ghamlitu xjentement u fi kliemha stess "*ghax dak ma jingabarx*" u ghalhekk biex teqred jew tissopprimi t-tracci tar-reat jew almenu parti minnhom. Ghaldaqstant l-imputata qeghda tinstab hatja wkoll ta' din l-imputazzjoni.

Is-sitt u s-seba' imputazzjoni – attakk jew rezistenza bi vjolenza jew b'hebb u ingurja, theddid jew offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku

B'relevanza ghal dawn l-imputazzjonijiet, **PS 1220 Chris Baldacchino**[9] xehed illi meta l-Ufficjali tal-Pulizija dahlu fir-residenza in kwistjoni, huma marru fil-kamra tas-sodda u hemmhekk sabu lill-imputata u lil Yanica Abdilla fis-sodda. Huwa jghid illi "*Hekk kif morna fuqhom, ghidtilha biex tqum, Deborah kienet aggressiva maghna u fil-fatt taghtni daqqa ta' sieq go zaqqi. Kellha tigi mmanettjata. Waqt it-tfittxija hi kienet aggressiva kemm fil-kliem u kemm fl-atteggjament taghha, fil-fatt bezzqet f'wicc PC 777 u bezqet ukoll lil WPC 237."*[10] Huwa jghid illi meta l-imputata u Abdilla inghataw is-solita twissija, l-imputata kienet aggressiva, bdiet tghidilhom li ma tibzax mill-habs, ghalkemm wara xi hin ikkalmat is-sitwazzjoni. Ix-xhud qal ukoll illi l-imputata qalet lil PC 777 li ghandu l-parti tieghu zghira u lil WPC 136 Charlene Persiano hedditha li taghtiha daqqa ta' ras ukoll. Lill-istess xhud qaltlu li kien jiehu l-*isteroids.* In kontro-ezami, mistoqsi x'kienu lebsin l-imputata u Abdilla x'hin il-pulizija dahlu fil-kamra tas-sodda, ix-xhud wiegeb li jidhirlu li kienu lebsin *track suits* it-tnejn li huma u meta ssuggerit lilu illi l-imputata kienet liebsa qalziet tat-*track suit* fil-waqt illi Abdilla kienet bil-hwejjeg ta' taht, izda libset qalziet tat-*track suit*

[8] A fol. 57A tal-process.
[9] A fol. 78 *et seq* tal-process.
[10] A fol. 78 tal-process.

sakemm dahlu l-pulizija, ix-xhud wiegeb illi l-ewwel huwa mar fuq l-imputata ghaliex hi kienet l-izjed aggressiva, pero` dherlu li Abdilla kienet liebsa *track suit.* Qal ukoll illi waqt it-tfittxija, bhala pulizija kien hemm tlett irgiel u zewg nisa. Dahlu l-irgiel qabel in-nisa, ghalkemm kienu jafu li dehlin fuq mara f'kamra tas-sodda, bhala prekawzjoni ghal dak li jista' jinqala'.

Fix-xhieda taghha, **WPC 237 Antonella Vella**[11] qalet illi x'hin l-Ufficjali tal-Pulizija dahlu fil-kamra fejn kien hemm l-imputata u Abdilla, dawn tal-ahhar kienu ghadhom reqdin fis-sodda. Hija u PS 1220 Chris Baldacchino marru fuq in-naha tal-imputata, fejn kienet rieqda u x'hin qamet, bdiet tidghi bil-madonna u taghti bis-sieq fid-direzzjoni ta' PS 1220. PC 777 mar jghinhom biex jimmanettjaw lill-imputata u f'dawk il-waqt, hija rat li fit-tarf tas-sodda kien hemm borza mqatta' li kien fiha xi trab kannella u li kien hemm xi trab jigri fuq il-lizar, apparti borza ohra bi trab abjad. Hekk kif hi marret sabiex tigbor dawn is-sustanzi, l-imputata li kienet immanjettjata, staqsiet lix-xhud ghaliex gabret id-droga u x'hin hi wegbitha li ghamlet dan sabiex l-evidenza ma tintilifx, l-imputata ghajjritha purcinella u bezqitilha. Waqt li x-xhud kienet qeghda tkompli bit-tfittxija, semghet xi ghajjat mill-imputata fil-konfront ta' PC 777 u l-imputata bezzqet lill-istess PC 777. L-istess imputata bdiet tghajjar lil PS 1220 u qaltlu "*ma blajthomx id-Dianabolds illum inti?*" u lil PC 777 qaltlu "*Int trid tidher jaqaw, ghadek xi wiehed gdid*?".[12] Qalet li x'hin dahlu, l-imputata kienet aggressiva hafna. In kontro-ezami, hija xehdet illi lil PC 777 l-imputata qaltlu wkoll "*jiena n-nisa ta' kulhadd niehu. U qaltlu ghandek xi pesisa inti. U PC 777 qalilha li t-tfajla kuntenta b'li ghandu u bezqitlu*".[13] Qalet illi hija dak id-diskors semghet imma kien hemm hafna ghajjat fil-kamra.

**PC 777 Chris Ebejer**[14] xehed illi x'hin l-Ufficjali tal-Pulizija dahlu fir-residenza in kwistjoni, l-imputata u Abdilla kienu reqdin fis-sodda. Habbtu fuq il-bieb, dahlu fil-kamra u qalulhom li kienu pulizija. L-imputata bdiet tghajjat, tidghi u toffendihom u xxuttjat lil PS 1220 ghax kellha d-droga fuq is-sodda. Huma gew

[11] A fol. 84 *et seq* tal-process.
[12] A fol. 85 tal-process.
[13] A fol. 90 tal-process.
[14] A fol. 105 *et seq* tal-process.

arrestati u mmanettjati u hin minnhom l-imputata xxuttjat is-saqqu tas-sodda biex twaqqa' t-trab. Ix-xhud qal illi l-imputata bezzqet lil WPC 237 u lilu wkoll. Qal illi l-imputata kienet aggressiva hafna. In kontro-ezami, ix-xhud qal illi bejn il-mument li habbtu fuq il-bieb u dahlu fil-kamra, m'ghaddhiex hafna hin, izda kienet kwistjoni ta' *split seconds.* Qal illi l-ewwel dahal is-Surgent, imbaghad dahlu huma. Qal illi l-imputata qaltlu illi huwa xi wiehed kiesah, li ghadu jidhol (fil-korp), li hija t-tfajliet ta' kulhadd tiehu u "*inti mhux xi bicca pesisa ghandek bejn saqajk*".[15] Qal illi huwa qalilha biex ma tkunx hamalla u li t-tfajla tieghu kienet kuntenta b'li kellu.

**WPS 136 Charlene Persiano**[16] xehdet illi l-Ufficjali tal-Pulizija prezenti habbtu fuq il-bieb tal-kamra tas-sodda, ghajjtu 'pulizija' u baqghu dehlin mill-ewwel. Hemmhekk sabu lill-imputata u lil Abdilla li kienu ghadhom fis-sodda. Dak il-hin inqala' ftit tal-paniku u l-imputata kienet aggressiva, tant illi f'hin minnhom tat daqqa ta' sieq lil PS 1220. Qalet ukoll illi waqt it-tfittxija, l-imputata bezzqet lil WPC 237 go wiccha u lil PC 777.

Ix-xhud **Yanica Abdilla**[17] qalet illi hija ghandha relazzjoni mal-imputata u li dakinhar tal-arrest taghhom, qabel waslu l-Pulizija huma "*konna ghadna qeghdin taht att sesswali*"[18]. Qabdu u dahlu fuqhom hamest irgiel u zewg nisa, ghalkemm wahda minn dawn kienet ghadha fil-kuritur u dan billi qabdu u mbuttaw il-bieb tal-kamra tas-sodda. Hija kienet minghajr hwejjeg u l-imputat kienet liebsa izjed hwejjeg minnha.

Fl-istqarrija taghha[19], **l-imputata** ikkonfermat illi x'hin dahlu l-pulizija fuqhom, hija kienet ferm aggressiva u dan ghaliex kienet taht l-effett tad-droga. Qalet illi hija verament kienet tat daqqa ta' sieq lil PS 1220 Chris Baldacchino u dan ghaliex hija kienet fis-sodda, huwa pprova jahtafha u hija mbuttatu biex tqum.

[15] A fol. 111 tal-process.
[16] A fol. 134 *et seq* tal-process.
[17] A fol. 145 *et seq* tal-process.
[18] A fol. 147 tal-process.
[19] A fol. 57 *et seq* tal-process.

Dwar WPC 237 U PC 777, hija qalet illi waqt li WPC 237 kienet qed taghmel it-tfittxija fil-kamra, l-imputata qaltilha li mhux suppost gabret l-affarijiet wahedha. L-istess pulizija wegbitha li hija kellha dritt taghmel li trid u li kienet qeghda taghmel xogholha u ghalhekk l-imputata nharqet u bezqitilha. Dwar PC 777, hija qalet illi talbitu jhollilha l-manetti jew jorbothomlha quddiem biex tkun tista' tiehu kafe u tpejjep sigarett, izda dan kellimha bl-herra, qalilha li ma riedx, ma tiftakarx x'qaltlu u hu qalilha "*anzi ghandi z…. bejn saqajja*".[20] Hija kkonfermat illi l-pulizija qalulhom verbalment li kienu pulizija u kkonfermat ukoll illi rrezistiet lill-pulizija kemm meta ppruvaw johorguha mis-sodda, kif ukoll meta gew biex jimmanettjawha.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tas-sitt u s-seba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata, hija tinsab akkuzata bir-reati konnessi mal-ingurja u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reati kkontemplati fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Irid jigi puntwalizzat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati, ghalkemm it-tnejn jikkontemplaw bhala vittma, persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi l-Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja u t-theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Dan ir-reat huwa dak ta' *oltraggio* kif ikkontemplat fl-Artikolu 194 tal-Kodici Kriminali Taljan li huwa forma ta' ingurja ta' gravita` specjali minhabba dak ir-rispett li kull cittadin ghandu juri lejn ufficjal pubbliku.

Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Il-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz

[20] A fol. 57A tal-process.

pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu hekk:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra, irid jigi ppruvat in-ness bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid hekk:

"*This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person.*"

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri**, inghad illi l-elementi ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

*"Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali … fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar, deciza fit-12 ta' Dicembru, 1936 (Kollez. Deciz. Vol. XXIX.IV.593), biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala igurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii. Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pprofferiti fil-presenza ta' l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni. Inoltre hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe` dana l-animus injuriandi, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe` bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero`, il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jociandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, izda, certament ghandha l-limiti taghha; il-kliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat sabiex titwassal dik il-protesta, b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dan il-kliem ikun intqal minnu animus reclamandi."*

L-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dan ir-reat:

Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew ir-resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita` ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dan ir-reat. Il-Professur Mamo ikompli jghid hekk: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith* ". Fin-nuqqas ta' dan jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht din id-disposizzjoni tal-ligi.

Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku". Illi l-Qorti taghmel referenza ghal dak sottolineat iktar 'il fuq u cioe` illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacita` li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku, hija necessarja. Altrimenti l-element formali ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat ikun nieqes.

Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew ir-resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita` kompetenti. Il-Professur Mamo jkompli jghid:

*"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

U kif inghad fis-sentenza moghtija fis-26 ta' Jannar 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Borg**:

"*Biex jissusisti r-reat irid ikun hemm bhala minimu xi forza llegittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza llegittima tigi ezercitata, irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita` li jikkaguna hsara lill-persuna tal-Ufficjal Pubbliku, zghira kemm hija zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi effettivament ikkagunata u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara. Biex ikun hemm dan ir-reat, l-agent irid ikun mhux biss attakka 'il fatto di prendere l'offensiva' jew irrezista 'il fatto di prendere la difensiva' lill-Ufficjal Pubbliku, izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb.*"

Issa f'dan il-kaz, ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-imputata ingurjat lill-Ufficjali tal-Pulizija li marru biex jesegwixxu mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront taghha u dan waqt il-qadi ta' dmirijiethom ossia proprju waqt illi kienu qed jesegwixxu tfittxija fil-kamra fejn kienet tinsab l-istess imputata ma' Yanica Abdilla. Jirrizulta mix-xhieda ta' WPS 273 Antonella Vella li l-imputata ghajjritha bil-kliem 'purcinella' u anke bezzqitilha f'wiccha waqt li din kienet qed tigbor is-sustanza minn fuq is-sodda fl-istess kamra u dan skond l-istess imputata, proprju ghaliex l-istess Ufficjal tal-Pulizija kienet qed televa din is-sustanza u fi kliemha stess, "*harqitni*" u dan b'referenza ghal WPS 273 li qalet lill-imputata li kienet qeghda taghmel xogholha. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija l-ohrajn, inkluz dik ta' PC 777 Chris Ebejer, illi l-imputata bezzqet ukoll lill-istess PC 777, fatt li anke l-imputata ammettietu fl-istqarrija taghha u li qaltlu kliem degradanti fir-rigward tal-parti privata tieghu. Lanqas ma hemm dubju illi l-imputata kienet konxja mill-fatt illi PC 777 u WPS 273

kienu fil-fatt ufficjali tal-pulizija, ghaliex apparti li hija stess fl-istqarrija taghha, tghid illi dawn identifikaw ruhhom bhala tali, anzi lil PC 777 staqsietu jekk kienx gdid (fil-pulizija) u kienx qed jagixxi b'dan il-mod biex jidher. Fil-fehma tal-Qorti, il-kliem li inghad fil-konfront tal-istess WPS 273 u PC 777, inkluz il-gest taghha fis-sens li bezzqet f'wicc WPS 273 u anke lejn PC 777 jammontaw ghal kliem u gesti ingurjuzi li ntqalu jew twettqu mill-imputata bil-hsieb li ttellfilhom jew tnaqqsilhom giehom u li dawn intqalu u twettqu bl-intenzjoni li joffendu u bl-ebda intenzjoni ohra. Ma jistax jinghad illi l-kliem u l-gesti tal-imputata kienu intizi biss sabiex iwasslu protesta da parti taghha, ghaliex apparti li din ma kinitx reazzjoni qasira, u fil-fatt kienet diretta lejn izjed minn persuna wahda, il-kliem u l-gesti taghha certament marru ferm oltre minn kliem limitat biex iwassal protesta u ma jistax jinghad ghalhekk illi dan kollu intqal u sar minnha *animus reclamandi.* Madankollu ghalkemm ix-xhud PS 1220 Chris Baldacchino jghid illi l-imputata heddet lil WPC 136 Charlene Persiano li taghtiha daqqa ta' ras, is-seba' imputazzjoni tirreferi biss ghal PS 1220 Chris Baldacchino, PC 777 Chris Ebejer u WPS 237 Antonella Vella u mhux ghall-istess Persiano. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi gie sodisfacentement ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputata ingurjat lill-Ufficjali tal-Pulizija imsemmija kif inghad, ai termini tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward tas-sitt imputazzjoni migjuba kontra l-imputata ossia dik li attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, jirrizulta car mill-provi prodotti illi apparti illi lil PS 1220 Chris Baldacchino, l-imputata taghtu daqqa ta' sieq f'zaqqu, hekk kif dan mar jghidilha biex tqum mis-sodda, l-imputata tant kienet aggressiva, kemm fil-kliem, kif ukoll fl-atteggjament taghha, illi kellha tigi mmanettjatha. Il-Qorti tapprezza illi kien hemm element ta' sorpriza f'dak li sehh, fis-sens illi l-imputata u Abdilla kienu dak il-hin jinsabu reqdin fis-sodda taghhom u ghalhekk certament illi nhasdu, izda fil-fehma tal-Qorti, l-agir tal-imputata mar oltre s-semplici sorpriza jew il-fatt li giet mahsuda, ghaliex kienet vjolenti fil-konfront ta' PS 1220 Chris Baldacchino u ppersistiet f'dan l-agir taghha ghal certu hin, tant illi hija stess tammetti fl-istqarrija taghha illi hija rrezistiet lill-pulizija meta ppruvaw johorguha mis-sodda u anke meta gew biex jimmanettjawha u dan apparti li tammetti wkoll illi kienet ferm aggressiva fil-konfront taghhom, ghaliex kienet taht l-effett tad-droga. M'hijiex skuza dak li

tghid l-imputata fis-sens illi hija tat bis-sieq lil PS 1220 sabiex timbottah ghaliex riedet tqum mis-sodda ghaliex il-vjolenza ma hija qatt gustifikata.

Ghaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti jissussistu l-elementi kollha li trid il-ligi fir-rigward ta' dan ir-reat sabiex issib lill-imputata hatja tas-sitt imputazzjoni fil-grad rikjest mil-ligi.

<u>It-tmien imputazzjoni – ir-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9</u>

Mill-provi mressqa u tenut kont ta' dak kollu li nghad izjed 'il fuq, m'hemmx dubbju illi l-imputata naqset milli tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilha mill-Pulizija u fixklithom waqt il-qadi ta' dmirijiethom u ghaldaqstant din l-imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata.

<u>Id-disa' imputazzjoni – ir-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9</u>

Din l-imputazzjoni tikkontempla r-reat tal-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika. M'hemm l-ebda dubbju illi l-fatti kollha li xehdu dwarhom l-Ufficjali tal-Pulizija sehhew ilkoll f'residenza privata u ghaldaqstant la fil-pubbliku u lanqas f'post accessibbli ghall-pubbliku. Ghaldaqstant, ma kien hemm l-ebda ksur tal-paci pubblika ai termini tal-Artikolu 338(dd) u l-Qorti qeghda tillibera lill-imputata minn din l-imputazzjoni.

<u>L-ghaxar imputazzjoni (immarkata bin-numru (i) fic-citazzjoni odjerna) – ksur ta' kundizzjoni ta' sentenza datata 6 ta' Marzu 2009 deciza mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano</u>

Jirrizulta mis-sentenza esebita mill-Prosekuzzjoni (a fol. 76 *et seq* tal-process) illi permezz tal-istess sentenza, moghtija minn din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano fis-6 ta' Marzu 2009, l-imputata[21] giet illiberata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien ghoxrin xahar mid-data tal-istess sentenza ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta wkoll ghalhekk illi t-terminu operattiv tal-istess sentenza kien jiskadi fis-6 ta' Novembru 2010 u qabel id-data li ghaliha jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni ossia l-1 ta' April 2011. In oltre ghalkemm l-imputazzjonijiet jirreferu wkoll ghax-xhur ta' qabel l-1 ta' April 2011, biss fl-istqarrija taghha l-imputata tghid illi hija regghet bdiet tiehu l-eroina fl-ahhar xahrejn ossia ghalhekk fi Frar tas-sena 2011. Dwar il-kokaina, hlief ghal dak li jinghad fl-istqarrija u cioe` illi din kienet ilha ghandha jumejn, m'hemm xejn x'juri illi l-imputata kienet ilha tiehu l-kokaina ghal perjodu itwal jew f'liema perjodu bdiet tiehu l-kokaina. Ghalhekk din l-imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

<u>L-imputazzjoni numru hdax (immarkata bin-numru (ii) fic-citazzjoni odjerna) – l-addebitu tar-recidiva</u>

Illi in sostenn ta' dan l-addebitu, il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza moghtija fil-konfront tal-imputata[22] minn din il-Qorti, kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. A. Demicoli, tat-28 ta' Frar 2007 (a fol. 59 *et seq* tal-process), permezz ta' liema sentenza l-istess imputata giet ikkundannatha sebgha u ghoxrin (27) xahar prigunerija, li minnhom kellu jitnaqqas iz-zmien li fih l-imputata ghamlet taht arrest preventiv u ghal multa ta' Lm1,000. Ghaldaqstant, jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi l-imputata hija hatja tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

[21] Jirrizulta mill-istess sentenza illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputata f'dak il-kaz hija identika ghan-numru tal-karta tal-identita` tal-imputata odjerna.
[22] Jirrizulta mill-istess sentenza illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputata f'dak il-kaz hija identika ghan-numru tal-karta tal-identita` tal-imputata odjerna.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi ghalkemm l-imputata ma rregistratx ammissjoni f'dawn il-proceduri u minkejja r-rezistenza taghha fil-mument tal-arrest, hija kkoperat mal-pulizija matul l-interrogazzjoni taghha, kif jirrizulta car mill-istqarrija rilaxxjata minnha. Qieset ukoll ghal fini ta' piena dwar is-sitt, is-seba' u t-tminn imputazzjonijiet, kemm il-gravita` ta' dawn l-istess imputazzjonijiet u anke tal-agir tal-imputata fil-konfront tal-Ufficjali tal-Pulizija, kif ukoll min-naha l-ohra, illi waqt il-prezentata, hija rregistrat apologija mal-istess Ufficjali. Qieset ukoll ghal fini tas-sitt u s-seba' imputazzjoni illi l-kaz sehh fl-1 ta' April 2011 u ghalhekk qabel id-dhul fis-sehh tal-Att V tal-2014, li permezz tieghu zdiedu l-pieni fir-rigward ta' dawn ir-reati. In oltre qieset ukoll illi t-tminn imputazzjoni hija kompriza u nvoluta fis-sitt u fis-seba' imputazzjonijiet.

Qieset ukoll ghal fini ta' piena dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet ic-cirkostanzi li waslu ghal dan il-kaz u l-ammont ta' droga kokaina u eroina nvoluta, kif ukoll il-purita` tal-istess droga. Applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u qed tikkunsidra ghalhekk illi r-reat mertu tat-tielet imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-ewwel imputazzjoni u illi r-reat mertu tar-raba' imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fit-tieni imputazzjoni. Applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel, it-tieni, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-piena pekunjarja applikabbli tassattivament fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u l-piena pekunjarja li qeghda timponi fir-rigward tal-hames imputazzjoni.

Finalment qieset ukoll il-fedina penali tal-imputata li kif diga` inghad hija wahda pjuttost refrattarja u tinkludi *inter alia* kundanna dwar traffikar ta' droga eroina bl-aggravju tad-distanza, sejbien ta' htija dwar pussess ta' droga fi tlett okkazzjonijiet ohra, diversi kundanni dwar ksur tar-regolamenti tat-traffiku, diversi reati kontravvenzjonali, kundanna dwar hsara volontarja u

attentat ta’ serq. Qieset ukoll illi l-imputata hija recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(b), (f) u (h), 31, 49, 50, 95, 96(a), 111(2)(a), 252(1) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputata mhux hatja tad-disa’ u l-ghaxar imputazzjoni (immarkata din l-ahhar imputazzjoni bin-numru (i) fic-citazzjoni odjerna) u qeghda tilliberaha minnhom, izda qed issibha hatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’, il-hames, is-sitt, is-seba’, it-tminn u l-hdax imputazzjoni (din tal-ahhar immarkata bhala imputazzjoni bin-numru (ii) fic-citazzjoni odjerna) u qeghda tikkundannaha ghal **piena ta’ tnax-il (12) xahar prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hatja inzammet taht arrest preventiv in konnessjoni biss ma’ dan il-kaz – u **multa ta’ elf Euro (€1,000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qeghda b’din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Pero` jekk il-hatja tonqos milli thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tikkundanna lill-hatja sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti nominati fil-mori ta’ dawn il-proceduri u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta’ mitejn u tlettax-il Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€213.29) u dan ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien sena mid-data ta’ din is-sentenza.

Tordna d-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti bhala Dokumenti DT3 u DT4, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------